# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tal-laqgħa numru ħmistax (15) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM), li nżammet nhar it-Tlieta, 19 ta' Novembru, 2013, fis-6.25pm, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Nicholas Briffa | Sindku |
| | Charlene Zammit | Deputat Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Maria Zammit | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| SKUŻAT | Paul Spiteri | Kunsillier |

1. Is-sindku ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-sindku ressaq riżoluzzjoni ta' merħba lill-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ li kienet preżenti għal din il-laqgħa storika fejn għandha l-jedd li tipparteċipa f'laqgħa tal-KLM. Grace Marie Mallia issekondatu. Is-żindku introduċa lil Maria Zammit u filwaqt li ferħilha f'isem il-kunsillieri, laqagħha magħna llum għall-ewwel darba. Hu qal li l-ħatra tagħha tagħtiha is-setgħa li tipparteċipa iżda ma' tkunx tista' tivvota f'każ li jittieħed vot. Hu qal li aktar 'il quddiem se naħtru kumitat lokali taż-żgħażagħ.

3. Il-minuti tas-seduta preċedenti intbagħtu bl-*email* mis-SE lill-kunsillieri u dawn għamlulhom il-korrezzjonijiet kollha li xtaqu, ġew approvati u ffirmati kif jidhru korretti fuq il-kopja oriġinali li kienet ukoll inizjalata fejn il-korrezzjonijiet li saru bil-linka tal-pinna.

**PUNTI OĦRA.**

4. Għall-*party* li se jsir għall-għaqdiet, il-KLM iddeċieda li nistiednu 'il dawk kollha li taw sehemhom fl-attività kulturali *Biss bil-Ħila 2013.*

5. Issemma l-programm tal-manutenzjoni tat-toroq fosthom il-qagħdiet tal-ilma fi Triq il-Murselli, Santa Katerina u Mitħna. Sadanittant il-kuntrattur tagħna qed jagħmel manutenzjoni fuq Triq it-Torri Vinċenti u Triq iż-Żurrieq.

6. Issemma wkoll id-dlam fil-parti urbana ta' Triq tas-Sejba.

7. Saret referenza għall-*embellishment* tal-*playing field* u l-permess tad-*Development Notice Order (DNO)* li qed nistennew li jkun approvat mill-*MEPA* dalwaqt, filwaqt li qed nimlew l-applikazzjoni sabiex nippruvaw nittappjaw fondi mill-GAL Xlokk. Dwar it-titlu tas-sit, is-SE kien mogħti l-parir biex nippruvaw inġibu t-titlu fuq dan il-post mill-Kummissarju għall-Artijiet.

8. Is-SE ta kopja tal-minuti tal-laqgħa li kellu hu u s-sindku maċ-*Chief of Staff* tal-Ministru tal-Edukazzjoni minħabba appuntament li kien intalab biex niddiskutu l-bdil tal-kulleġġ tagħna filwaqt li kienet ippreżentata petizzjoni meħuda mill-ġenituri tat-tfal li wliedhom jattendu fl-iskola primarja. Sadanittant, is-Sur David Caruana qalilna li mhux ċert jekk hux se jinbidlu l-kulleġġi, minkejja li s-sindku qal li aħna rridu nagħtu sodisfazzjon lil dawn il-ġenituri.

9. Is-sindku talab illi jitqabbad is-Sur Joe Farrugia ('Il-Bażżi') sabiex inaddaf sew Triq tas-Sejba. Madankollu, Michel Farrugia qal illi għandna nrawwmu sens ta' responsabbilità billi nitolbu lis-Sur Joe Zahra biex inaddaf din it-triq ġaladarba hu għandu ħafna gzuz ta' terrapien mikxuf fiha. Intant Grace Marie Mallia qalet li l-kuntrattur preżenti tal-knis jidher li njora postijiet importanti bħall-bankina tal-iskola.

10. Dwar it-tneħħija tat-terrapien li sar eżattament taħt il-ħajt tas-Sur Andrew Scicluna, Michel qal li dan sabu barra u qallu li hu m'għandux tort li niżlet it-triq. Ma kienx tal-istess opinjoni s-sindku li qal li *Transport Malta* qalulna bl-avukat sabiex nieħdu passi, filwaqt li dan kollu kien konfermat f'viżita li saret fuq il-propjetà tas-Sur Scicluna fil-jiem li għaddew mis-sindku u s-SE mal-Perit William Lewis. Dan wara li kienet saret spezzjoni mill-Perit Julian Borg għal *Transport Malta,* minkejja li s-Sur Scicluna qal li l-kaġun li niżlet it-triq kien it-tnixxiha tad-drenaġġ għaliex hemm il-katusi mixquqa. Is-sindku qallu li mhux id-drenaġġ ikkaġuna l-ħsara iżda l-katusa tal-ilma li ġejja minn mas-saqaf u nieżla għal ġot-terrapien taħt it-triq. Ġie deċiż li jsir *survey* biex naraw iċ-ċaqlieq tal-art.

11. Intant is-sindku qal li neħtieġu li nitolbu sabiex issir lagħaqa *tarmac* fl-inħawi Ta' Kandja għaliex din jinħtieġilha wiċċ urġenti. Hawn Michel Farrugia qal illi għandna nitolbu *resurfacing* ta' Triq il-Qrendi li tagħti għas-Siġġiewi.

12. Dwar il-ġardina tal-Isptar il-Qadim, is-sindku qal illi s-sid tal-propjetà biswit tella' *boundary wall* li kien mitlub minnu, wara li waqqgħu biex jidħol bl-inġenji.

13. Dwar il-qtates *stray*, se nippruvaw inkellmu lil residenta sabiex jiġu msewwija dawk li qed jinvadu 'l dawk ir-residenti ta' Triq il-Ħarriġiet.

14. Is-sindku fakkar fil-laqgħa ta' nhar is-7 ta' Diċembru 2013 li se tkun organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Hu qal illi fost it-*topics* li ġew diskussi fil-passat kien hemm is-suġġett tal-*VAT*; jekk għandux ikun irkuprat lura mill-kunsilli lokali. Dan wara li d-deputat sindku, Grace Marie Mallia, u s-SE kellhom laqgħa ma' Dr Marc Sant fil-kwartieri l-ġodda tal-Assoċjazzjoni. F'din l-istess laqgħa issemma s-suġġet tal-pulizija nieqsa spiss fl-għassa tal-Imqabba, minkejja li l-KLM ipprova jinvolvihom bi pjan għall-immaniġjar tat-traffiku fil-ħinijiet li jkunu deħlin u ħerġin it-tfal fl-iskola. Intant il-KLM qed jirriżerva post għall-ġenituri fejn jieqfu biex iniżżlu /itellgħu t-tfal fil-Pjazza tal-Knisja.

15. Is-SE se jkompli jinsisti mal-kuntratturi varji sabiex jitwaħħal l-apparat tal-*live streaming*, dak tas-*CCTV cameras* fil-ġonna kif ukoll jibda r-restawr tal-istatwi fuq il-Mentna.

16. Se nerġgħu niltaqgħu mal-ġenituri tat-tfal tal-iskola u nkellmuhom dwar is-*safety* u l-prekawzjonijiet li qed jieħu l-KLM.

17. Is-SE informa lill-KLM illi sar *audit* ieħor mill-*IAID* li qed tagħmel *audit* fuq l-Aġenzija tal-Pagamenti dwar il-proġett ta' *embellishment* fuq il-Mentna.

18. Is-sindku qal li l-*week-end break* li kien organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Imqabba fil-lukanda *Vivaldi* kien suċċess kemm mill-attendenza li kient ta' 36 ruħ kif ukoll mill-organizzazzjoni.

19. Is-sindku semma s-seminar illi kien inżamm fl-Isptar il-Qadim mis-Sur Julian Zarb, id-Direttur tat-Turiżmu. Hu qal illi l-kunsilli lokali għandhom bżonn l-assistenza mill-gvern ċentrali biex jattiraw it-turisti li dawn mhux se jiġu jekk ma jsibux kollox organizzat. Aktar minn hekk Nicholas Briffa qal illi aħna nistgħu nibbenefikaw minn għajnuna fl-aċċess tar-raħal għall-*hop-on hop-off buses*. Intant fil-laqgħa msemmija kien hemm qbil biex kull kunsill lokali jara x'inhuma l-ħtiġijiet /l-infieq tiegħu biex jipproġetta li jagħmel promozzjoni u jqabbad gwida eċċ.

20. Is-SE ta kopja tal-minuti ta' laqgħa li nżammet fl-uffiċċju tagħna ma rappreżentanza tal-każini tal-banda kif ukoll fil-preżenza tal-avukat tagħhom dwar l-oġġezzjoni li qed issir għall-iżvilupp PA 1174/09 – *Development at* tax-Xatba l-Ħamra, l-Imqabba, minħabba li dan jista' joħloq problema għall-każini biex itellgħu l-ispettakli tan-nar fil-festi. Intant l-oġġezzjoni tagħna kienet ibbażata fuq il-ftuħ li għad fadal bejn Ħal Kirkop u l-Imqabba u li dan se jitnaqqar minn żvilupp propost f'*ODZ*.

21. Is-SE ta kopja tal-minuti tal-laqgħa tal-11 ta' Novembru, 2013, mal-Inġinier Reuben Borg, is-Sur Ivo Galea u Ms Clare Briffa dwar il-lampi tat-toroq. Din il-laqgħa saret fl-uffiċċju tas-sindku.

22. Kienu diskussi diversi punti dwar l-organizzazzjoni għall-*party* tat-tfal tal-Milied li ser jorganizza l-KLM fit-28 ta' Diċembru 2013. Is-sindku semma l-*puppet show* li se jiswina €100 mingħand *Leisure Animation Enterprises*, il-bżonn li jinġiebu l-*isponsors* ħalli nifdu parti mill-ispejjeż tat-*toys*. L-*isponsor* jista' jkun billi tittella' *banner* mingħand *suppliers* waqt il-*party* jew isir reklam fil-fuljett. Apparti dan, is-sindku inkariga lid-Deputat Sindku, Charlene Zammit u lill-Kunsillier Grace Marie Mallia flimkien, sabiex jinġabru kwotazzjonijiet għax-xiri tal-ġugarelli.

23. Dwar l-iżvilupp fit-tisbieħ tal-ġonna, s-sindku qal illi minbarra dak previst f'Misraħ il-Fidwa fejn issemmiet id-*DNO* li hemm fi ħdan il-*MEPA*, hemm ukoll xogħlijiet oħrajn għaddejjin fil-Ġnien ta' Mikelanġ Sapiano. Hawn inqalgħet il-*hedge*, saret filata ġebel u qed jinħadem ħadid mill-ħaddiema tal-*IPSL* għal fuq din il-filata biex ħadd ma jgħaddi mil-ħamrija.

**AĠENDA**

24. Kien approvat unanimament ir-Rapport Finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena 2013 (Lulju-Settembru) li fih kien indikat li kien hemm bilanċ ta' €21,180.84. Intant kien hemm qbil unanimu illi l-*item* fil-kont tal-bank li qatt s'issa ma kienet rikonċiljata mill-*accountant* u l-udituri tagħna, tkun *written off* fuq bażi ta' tliet snin għaliex m'hemm l-ebda mezz kif din tiġi rikonċiljata fuq suġġeriment tal-udituri u l-*accountant* tal-kunsill stess.

25. Il-KLM se jwaqqaf il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ peremezz ta' ħames membri u waħda minn dawn il-membri se tkun Ms Ellul li kienet proposta biex tirrappreżentana għall-Vot 16. Intant is-SE se jkun qed jibgħat il-*letter of intent* lill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ biex dawn ikunu jistgħu jipprovdulna *youth worker* biex jassistihom.

26. Is-sindku qal li xtaq li jorganizza kors fl-ewwel għajnuna u hemm il-probabilità li dan isir mingħajr ħlas. Madankollu se nagħmlu kuntatt ma' infermiera li kitbitilna dwar dan permezz ta' *e-mail* dan l-aħħar.

27. Charlene Zammit se tkun inkarigata tattendi għall-preżentazzjoni / seminar fejn se jkun inawgurat ir-rapport tal-*Waste Management Plan for the Maltese Islands*, li qed tkun organizzata mill-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima nhar il-25 ta' Novembru, 2013. Intant is-sindku qal li kellna titjib inkoraġġanti fil-ġbir tal-iskart separat. Hawn intqal li tajjeb li nagħmlu avviż fil-fuljett dwar speċjalment il-ġbir tal-ħġieġ kull nhar l-ewwel Ġimgħa tax-xahar.

28. Dwar il-proposta tal-Perit William Lewis, il-KLM se jkun qed jikkunsidra l-ispiża biex isir *topographic survey* madwar il-ġibjun il-miftuħ fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija sabiex nippruvaw nakkwistaw fondi mill-programm tal-UE 2014-2020. Is-sindku qal li hemm il-ħsieb illi dan l-ispazju jkun dedikat għall-*IT* u *E-Government* għaliex se jkunu allokati aktar fondi biex nimminimizzaw il-qasma diġitali.

29. Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba se jżomm il-laqgħa li jmiss nhar it-Tnejn, 9 ta' Diċembru, 2013 fis-6:00pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*09/12/2013 minn:* | **Nicholas Briffa**<br>**Sindku** |